# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Fl-14 ta' Novembru 1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li aktar tard saret magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Il-ħsieb ewlieni tagħha kien li tagħżel alfabett li jkun imħaddem mill-kittieba kollha tal-Malti. Fl-1924 l-Għaqda ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* – l-ewwel manwal tal-ortografija tal-Malti li fl-1934 saret l-ortografija uffiċjali tal-Gvern.

Fl-1925 bdiet toħroġ il-perjodiku tagħha, *Il-Malti,* u mill-bidu sal-lum kitbu fih l-aqwa kittieba ta' pajjiżna. L-Akkademja tippubblika *Il-Malti* kull sena, f'edizzjonijiet letterarji u akkademiċi, kif ukoll ħarġiet speċjali.

Fl-1984 l-Akkademja ħarġet regoli ġodda fuq il-kliem ta' nisel Rumanz jew Ingliż li dehru fiż-*Żieda mat-Tagħrif.* Fl-1992 l-Akkademja ħarġet l-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.* Fl-1998 stampat ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti*. Pubblikazzjonijiet oħra jinkludu *Studji Dunkarmjani* (2011), *Doreen Micallef – il-Konferenza – il-Poeżiji* (2015) u *Fuq il-Passi ta' Vassalli* (2019) b'riċerka ġdida fuq Missier l-Ilsien Malti. Il-kontribuzzjonijiet ippreżentati fl-2017 waqt is-seminar 'Is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija' inġabru f'pubblikazzjoni bl-istess titlu dis-sena.

L-Akkademja tal-Malti hija msieħba fil-European Writers Council u kull tliet snin taħtar il-ġurija għall-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea. Fl-2013 l-Akkademja sponsorjat ir-restawr tal-volum li fih tinsab l-Għanja ta' Pietru Caxaro, magħrufa bħala l-*Kantilena* u fl-2016 ir-restawr tal-*Prospetto per un'associazione all'opera intitolata Dizionario della Lingua Maltese* ta' Mikiel Anton Vassalli.

L-Akkademja organizzat 'il fuq minn tletin taħdita u xandret ħamsin programm fis-sensiela *Nwar* minn fuq Radju Malta. Issieħbet ma' entitajiet oħra fil-pubblikazzjoni tad-*Damma* ta' Agius de Soldanis (2016) u sponsorjat għadd ta' diski kompatti, mużika ta' Mro Dominic Galea.

L-Akkademja qed tagħti sehemha flimkien mal-Malta Libraries fl-ikkatalogar tal-Melitensia fil-Librerija Anton Buttigieg fil-Palazz ta' Sant'Anton u lestiet proġett bl-ittri speċjali mill-alfabetti qodma biex ikunu aċċessibbli għall-istudjużi. Dis-sena qed tfakkar għeluq il-100 sena mit-twaqqif tagħha.

L-Akkademja tal-Malti taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

# MIDALJA TAD-DEHEB

# "ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI"

TAĦT IL-PATROĊINJU DISTINT
TAL-PRESIDENT TA' MALTA
U S-SINJURA VELLA

4 ta' Diċembru 2020
Il-Palazz ta' Sant'Anton

# PROGRAMM

Innu Malti

Nagħtukom Merħba
*Rita Saliba*

Lina Brockdorff:
ir-rebbieħa ta' din is-sena
*Ann Marie Schembri*
*Presidenta tal-Akkademja tal-Malti*

Għażiża Lina ...
*Charles Casha*

Għal Jum Wieħed Biss
*Kliem u Mużika ta' Vince Fabri*

Il-kontribut letterarju u volontarju
ta' Lina Brockdorff
b'risq ilsienna
*Sergio Grech*

Awguri Lina
Intervista minn MaryAnn Vella
*Horizons* (2017)

Investitura tal-Midalja tad-Deheb
*L-Eċċellenza Tiegħu George Vella*

Kelmtejn mir-rebbieħa
*Lina Brockdorff*

Silta minn *Sireni u Serenati*
*Taqra Rita Saliba*

Ħolma Virtwali
*Kliem u Mużika ta' Vince Fabri*

Ringrazzjament
*Rita Saliba*

Diskors mill-President ta' Malta
*L-Eċċellenza Tiegħu George Vella*